*MINUTI*

*KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ*

*IL-HAMES LEĠISLATURA*

*LAQGĦA NUMRU WIEĦED U ERBGĦIN*

*12 ta' Diċembru, 2007*

*Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.20 ta' filgħaxija.*

*PREŻENTI*

*Is-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Silvio Izzi Savona, l-Kunsillier Joseph D'Amato, u l-Kunsillier Raymond Grixti.*

*UFFIĊJAL PREŻENTI*

*Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.*

*SKUŻATI*

*Il-Kunsillier Mario Ellul , l-Kunsillier Claudio Zammit u l-Kunsillier Melvyn Mangion.*

*MINUTI*

*Il-Sindku Ignatius Farrugia ppresjeda.*

***41.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

*41.1.1 Il-Kunsillier Raymond Grixti ressaq din il-mozzjoni:*

*41.1.2 "Il-Kunsill japprova l-Minuti ta' Laqgħa Numru 40 kif imressqa."*

*41.1.3 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joseph D'Amato u approvata unanimament.*

41.1.4 *F'dan il-ħin, il-Kunsill approva proposta tas-Sindku sabiex isir bdil fl-ordni tal-ġurnata u jiġi diskuss issa l-aħħar item fuq l-aġenda.*

***41.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Pagamenti***

41.8.1 *Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti (anessa bħala dokument 'A'), il-kont tal-Petty Cash (anness bħala dokument 'B'), u tabliet ta' ħlas lura għall-ispejjeż magħmula f'isem il-Kunsill mingħand il-Kunsillier Mario Ellul, Joseph D'Amato u Melvyn Mangion (anessi bħala dokumenti minn 'C' sa 'E').*

41.8.2 *Is-Sindku Ignatius Farrugia ressaq din il-mozzjoni:*

40.10.1 *"B'riżultat tad-diskussjoni li saret il-Kunsill japprova l-iskedi ta' pagamenti għat-total ta' Lm 25,726.88c, ir-rimborż fil-kont tal-petty cash għall-ammont ta' Lm 40.03c u t-talbiet ta' ħlas lura għall-spejjez magħmula f'isem il-Kunsill mingħand il-Kunsillier Joseph D'Amato ta' Lm 8.58c, l-Kunsillier Mario Ellul ta' Lm 20, u l-Kunsillier Melvyn Mangion ta' Lm 40.00c"*

39.7.1 *Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Silvio Izzi Savona u approvata unanimament.*

39.7.2 *Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet u ġiet aġġornata "sine die" b'dan l-item fuq l-aġenda fis-6.45 ta' filgħaxija, fejn kien approvat li l-kontinwazzjoni tagħha ssir f'xi ġurnata matul it-tieni ġimgħa ta' Jannar, 2008.*

*Konfermati, illum __ ta' Frar, 2008*

| | |
|---|---|
| *Ignatius Farrugia* | *Adrian Mifsud* |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |